MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 769/2013

**BLMG LIMITED** (C-51824)

vs

**TAL-MADONNA DEVELOPMENTS LIMITED** (C-46250)
u Ivan u Bernardette konjuġi Bartolo

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta’ Awwissu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, għandhom iħallsuha s-somma ta’

mija u ħamsa u tmenin elf erba' mija u erbgħin euro (€ 185,440) li tirrappreżenta kreditu mistqarr favuriha mill-kumpannija mħarrka fuq att nutarili ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-26 ta' Settembru, 2011, fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Cutajar, li fuqu l-imħarrkin miżżewġin Bartolo dehru bħala garanti solidali tal-obbligazzjonijiet tal-istess kumpannija mħarrka; u (b) tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsuha dik is-somma ta' mija u ħamsa u tmenin elf erba' mija u erbgħin euro (€ 185,440). Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Awwissu, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat li l-imħarrkin laqgħu n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-Smigħ[1], imma naqsu li jressqu t-Tweġiba fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u b'hekk waqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija attriċi;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ottubru, 2013[2], li bih u fuq talba magħmula mill-avukati tal-imħarrkin għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tat lill-imħarrkin żmien biex iressqu n-Nota bis-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-każ;

Rat li l-imħarrkin ma nqdewx lanqas b'dik l-opportunita' mogħtija lilhom saż-żmien lilhom mogħti;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ottubru, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġġ. 18 *tergo* u 20 tal-proċess
[2] Paġ. 23 tal-proċess

Illi din hija kawża għall-kundanna għall-ħlas ta' dejn mistqarr f'kuntratt pubbliku. Il-kumpannija mħarrka kienet biegħet art fabbrikabbli li tinsab fi Triq il-Gardiel, Wied il-Għajn, lill-kumpannija attriċi, imma ħareġ li biċċa minn din l-art kienet reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta. Bis-saħħa ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu pubblikat fis-26 ta' Settembru, 2011[3], l-kumpannija mħarrka u ż-żewġ imħarrkin l-oħrajn miżżewġin Bartolo kienu ntrabtu li, hekk kif toħroġ is-sejħa għall-offerti min-naħa tal-Gvern, l-biċċtejn mill-imsemmija art li jinsabu reġistrati fuq isem il-Gvern ta' Malta jinkisbu mill-kumpannija attriċi, imma l-kumpannija mħarrka tagħmel tajjeb għan-nefqa li tkun meħtieġa biex isir it-trasferiment. L-imħarrkin miżżewġin Bartolo daħlu garanti solidalment mal-kumpannija mħarrka f'dik ir-rabta u saħansitra ikkostitwew ipoteka speċjali fuq ġid tagħhom li jinsab f'Raħal Ġdid;

Illi l-kumpannija attriċi kisbet l-imsemmija biċċtejn art mingħand il-Gvern ta' Malta bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tat-28 ta' Frar, 2013[4], fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Spiteri, għall-prezz ta' mija u ħamsa u sebgħin elf u ħames mitt euro (€ 175,500) u taħt il-patti u l-kundizzjonijiet l-oħrajn hemm maqbula. Biex sar dak il-kuntratt, il-kumpannija attriċi ħallset ukoll il-boll fis-somma ta' tmint elef seba' mija u ħamsa u sebgħin euro (€ 8,775) flimkien ma' elf mija u ħamsa u sittin euro (€ 1,165) fi spejjeż u drittijiet tan-nutar marbuta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt;

Illi b'ittra uffiċjali tal-20 ta' Mejju, 2013[5], il-kumpannija attriċi bagħtet titlob lill-imħarrkin iħallsuha s-somma minfuqa minnha fuq l-imsemmi kuntratt, u billi dan il-ħlas baqa' ma sarx, fetħet il-kawża fit-8 ta' Awwissu, 2013;

Illi mix-xhieda mismugħa waqt is-smigħ minn rappreżentant tal-kumpannija attriċi[6], ħareġ li sallum ma sar l-ebda ħlas mill-imsemmija somma u lanqas ingħatat raġun tajba għaliex dan ma sarx;

---

[3] Dok "A" f'paġġ. 5 – 8 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġġ. 9 sa 12 tal-proċess
[5] Dok "Ċ", f'paġġ. 13 – 4 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Michael Buġeja 22.10.13, f'paġġ. 21 – 2 tal-proċess

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti ssib li t-talbiet attriċi huma mistħoqqa u sejra tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, għandhom jagħtu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' mija u ħamsa u tmenin elf erba' mija u erbgħin euro (€ 185,440) li tirrappreżenta n-nefqa li l-kumpannija attriċi għamlet biex kisbet art f'Wied il-Għajn, liema nefqa l-kumpannija mħarrka ntrabtet li tagħmel tajjeb għaliha fuq att nutarili tas-26 ta' Settembru, 2011, fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Cutajar, u fuq liema kuntratt l-imħarrkin miżżewġin Bartolo dehru bħala garanti solidali tal-obbligazzjonijiet tal-istess kumpannija mħarrka;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma msemmija ta' mija u ħamsa u tmenin elf erba' mija u erbgħin euro (€ 185,440); u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża** kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------